MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 259/2011

**Louis u Henrietta konjugi Bianchi**

**Vs**

**Kunsill Lokali Balzan u b'digriet datat 30 ta' Mejju, 2012 isem il-konvenut gie jaqra Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Balzan**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-16 ta' Marzu, 2011** u li permezz taghha r-rikorrenti talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' mija u tmenin euro (€180) u dan wara li ppremettew hekk:

"1. Nhar is-16 ta' Jannar, 2011 sehh incident gewwa Balzan Valley, Balzan ghall-habta tad-8.00p.m. illi bhala konsegwenza tieghu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni OOO-080 proprjeta ta' l-attrici Henrietta Bianchi soffriet hsarat. Dan l-incident sehh bhala rizultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni, xoghol traskurat, u/jew mhux skond is-

sengha u l-arti, illi sar fl-imsemmija triq minn jew fuq l-inkarigu tal-konvenut Kunsill Lokali;

2. Illi b'hekk isegwi illi l-incident de quo sehh unikament bhala rizultat tan-negligenza, non-kuranza, jew non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Kunsill Lokali;

3. Illi ghalhekk il-konvenut Kunsill Lokali ghandu jigi kkundannat sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tmenin euro (€180) rapprezentanti s-somma illi l-atturi hallsu in konessjoni ma' dan l-incident.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra bonarja tat-18 ta' Jannar 2011, u ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 2011 u bl-interessi legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 2011 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimati** mressqa fid-9 ta' Marzu, 2009 u li permezz taghha huma ecceppew hekk:

"1. Illi preliminarjament hu ma jista jkollu l-ebda locus standi f'dawn il-proceduri stante li mhux imharrek skond il-ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju, ma kien hemm l-ebda responsabbilita da parti tal-Kunsill Lokali Balzan ghall-incident in kwistjoni stante li kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, hu kien addotta kull mezz possibbli fic-cirkostanzi sabiex jassigura li l-ebda vettura ma ssofri dannu.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi".

Ra l-verbal datat 2 ta' Lulju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Din il-kawza tirrigwarda hsarat fuq *tyre* ta' vettura proprjeta tar-rikorrenti Henrietta Bianchi, liema hsara sehhet meta hi kienet ghaddejja minn Balzan Valley fis-16 ta' Jannar, 2011 u dahlet f'hofra bil-konsegwenza li dan it-*tyre* inqasam.

B'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimati, t-tribunal jaghmel referenza ghat-talba tar-rikorrenti mressqa fit-30 ta' Mejju, 2012 fejn permezz taghha, talbu li isem il-konvenut "Kunsill Lokali Balzan", jigi jaqra "Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Balzan". It-tribunal laqa din it-talba a tenur ta' l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u anke minhabba n-nuqqas ta' oposizzjoni da parti tal-istess intimati. Ghalhekk in vista ta' dan li ghadu kif inghad, din l-ewwel eccezzjoni tal-intimati qeghda tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni tal-intimati hi fis-sens li huma ma ghandhom l-ebda responsabbilita ghall-incident in kwistjoni stante li kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, hu kien addotta kull mezz possibbli fic-cirkostanzi sabiex jassigura li l-ebda vettura ma ssofri dannu. Illi l-intimati qatt ma dehru f'dawn il-proceduri sabiex iressqu l-provi taghhom minkejja li huma inghataw l-opportunita li jaghmlu dan. L-uniku intervent tal-intimati, apparti li resqu r-risposta taghhom ghat-talba tar-rikorrenti kien rikors datat 11 ta' Mejju, 2011 fejn intalab differiment l-ghaliex id-difensur tal-intimati ma setatx tattendi fid-data tas-smiegh tal-kawza.

Illi ghalhekk, l-uniku provi li hemm f'dan il-kaz huma dawk tar-rikorrenti, u t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-veracita ta' l-istess xhieda. Mix-xhieda tar-rikorrenti Henrietta Bianchi, mressqa permezz ta' affidavit fit-28 ta' April, 2011 jirrizulta li fis-16 ta' Jannar, 2011 ghal habta ta' xi 8.00p.m. s-Sinjura Bianchi kienet qeghda ssuq il-vettura taghha Volvo bil-pjanca ta' registrazzjoni numru OOO-080

mill-Iklin fid-direzzjoni ta’ Hal-Balzan. Hekk x’hin qasmet minn fejn il-Bathroom Design u kisret ghall-wara l-fabbrika ta’ l-ghagin li hemm fil-kantuniera, dahlet go Balzan Valley. Hekk kif dehret, hadet skoss kbir fuq ir-rota ta’ quddiem u haset lill-vettura taghha tinzel f’hofra kbira li dak il-hin kienet mimlija ilma. Ir-rikorrenti tghid li fit-triq kien hemm id-dlam u t-toqba ma tantx kienet tidher. Ma kien hemm l-ebda sinjal jew dawl fejn it-toqba biex jigbdilhom l-attenzjoni taghhom li kien hemm xi haga fit-triq. Wara ftit kellha twaqqaf il-vettura taghha ghax hasset li kellha *puncture.* Meta marret biex issewwi t-*tyre,* hija giet infurmata li dan kien maqsum u ma setax jissewwa u ghalhekk kellhu jinbidel. Il-prezz ghat-*tyre* gdid kien ta’ mija u tmenin euro (€180). Ir-rikorrenti tghalaq l-affidavit taghha billi tghid li hi tippretendi dan il-hlas mill-intimati peress li huma responsabbli ghal manteniment tat-triq.

L-Avukat Louis Bianchi, xehed fis-seduta tat-30 ta’ Mejju, 2012 u qal li huwa mar fil-post fejn kien sehh l-incident ftit tal-hin wara u hemm seta jara li “*... kien hemm hofra kbira fit-triq li fid-dlam ma stajtx tara ghax kienet mimlija ilma u dik il-gurnata kienet ix-xita*”. Zieda ighid ukoll li “*Barra minn hekk nixtieq nghid ukoll illi l-hofra kienet hekk kif inti ddur minn fejn il-fabbrika tal-ghagin u malli ddur il-kantuniera ssibha ma wiccek*”. Huwa kkonferma li t-*tyre* ma setax jissewwa u fil-fatt huwa hallas is-somma ta’ mija u tmenin euro (€180) ghal dan it-*tyre* li xtrah minghand Sunny’s ta’ Birkirkara.

Ikkunsidra ulterjorment;

Illi hija wahda mill-funzjonijiet principali tal-Kunsill Lokali u l-addetti tieghu, li jiehdu hsieb li t-toroq li jaqghu fil-kompetenza taghhom ikunu hielsa minn kull xkiel jew sinistru haga li f’dan il-kaz jidher bic-car li ma sarx. Irrizulta mix-xhieda li ma kien hemm l-ebda sinjal ma din il-hofra fit-triq biex javvza lis-sewwieqa bil-periklu li kien hemm. Abbinat ma dan, l-istess hofra kienet mimlija ilma biex iktar ma tidhirx. Ghalhekk, it-Tribunal isib li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u jisthoqq li tintlaqa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-istess intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ mija u tmenin euro (€180). Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------